

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12661/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0259 (NLE)**

**FORETS 66
DEVGEN 141
RELEX 1140
PROBA 30
ENV 820
AGRI 408
SUSTDEV 66**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 467 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar it-terminazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 467 final.

Mehmuż: COM(2025) 467 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.9.2025
COM(2025) 467 final

2025/0259 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar it-terminazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika tal-Liberja dwar l-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur
Forestali ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT)⁽¹⁾ ġie adottat fl-2003. Għandu l-għan li jappoġġa l-isforzi globali fl-indirizzar tal-problema tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat miegħu. Aspett ewlieni tal-pjan ta' azzjoni FLEGT kien il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' sħubija volontarja (voluntary partnership agreements, VPAs) bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-pajjiżi li jipproduċu l-injam sabiex jiġi stabbilit qafas legali li jiżgura li l-injam kollu esportat lejn l-UE jkun ġie prodott jew akkwistat legalment. Fil-qalba tal-VPA hemm l-iskema ta' ħruġ tal-liċenzji FLEGT, li tinkludi sistema li tivverifika, tiżgura u tiċċertifika l-legalità tal-injam.

Il-VPA bejn l-UE u r-Repubblika tal-Liberja ġie ffirmat fis-27 ta' Lulju 2011 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2013. Il-Partijiet qablu dwar l-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni ta' Skema ta' Liċenzjar għall-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (skema ta' ħruġ tal-liċenzji FLEGT) u ma' skeda ta' implimentazzjoni li tiffurma parti integrali mill-VPA (l-Anness VII). Din l-iskeda pprevediet fażi preparatorja ta' 3 snin qabel il-bidu tal-fażi operazzjonali. Għalhekk, il-ħruġ tal-liċenzji FLEGT għall-esportazzjonijiet lejn l-UE u swieq oħra kien mistenni li jkun operattiv sal-2014 wara l-istabbiliment tas-Sistema ta' Aċċertament tal-Legalità, filwaqt li s-suq domestiku u s-settur informali kienu mistennija li jiġu integrati fis-Sistema ta' Aċċertament tal-Legalità sal-2015.

Mid-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni (KKI) immonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-ftehim. Diversi *Aide Memoires* ffirmati mill-Partijiet fi tmiem kull laqgħa tal-KKI kienu jinkludu reviżjonijiet tad-data fil-mira għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT operazzjonali. L-*Aide Memoire* għat-tieni laqgħa tal-KKI (10–12 ta' Ġunju 2015) inkluda aġġornamenti fl-Anness VII tal-VPA u pprevediet il-bidu tal-iskema ta' ħruġ tal-liċenzji FLEGT għall-2017. Matul ir-raba' laqgħa tal-KKI, il-Partijiet irrikonoxxew li kien sar progress iżda ammettew li x-xogħol f'ħafna oqsma ma kienx miexi fit-triq it-tajba. Matul il-ħames laqgħa tal-KKI, huma nnutaw ukoll li l-pass tal-implimentazzjoni tal-VPA kien aktar bil-mod milli mistenni u semmew l-2020 bħala d-data fil-mira għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT operazzjonali. Matul l-aħħar ħdax-il laqgħa tal-KKI l-UE fakkret li għad fadal ħafna xi jsir biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti s'issa. Il-partijiet qablu dwar rieżami fil-livell tekniku tal-iskeda ta' implimentazzjoni tal-VPA biex jivvalutaw jekk u kif Diċembru 2026 jista' jiġi inkluż bħala data fil-mira għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT. Madankollu, meta jitqies il-pass tal-progress tal-implimentazzjoni tal-VPA matul dawn l-aħħar 10 snin, il-ħruġ tal-liċenzji FLEGT operazzjonali sa tmiem l-2026 mhuwiex realistiku.

Sadanittant, 20 sena wara l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni FLEGT, l-UE żiedet l-azzjoni tagħha biex tipproteġi u tirrestawra l-foresti tad-dinja⁽²⁾, billi adottat ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni⁽³⁾ biex timminimizza l-kontribut tal-UE għall-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam, id-deforestazzjoni, u d-degradazzjoni tal-foresti, kif ukoll l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u t-telf tal-bijodiversità. Għalkemm ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni, skont l-Artikolu 10(3) tiegħu, irrikonoxxa li l-injam kopert minn liċenzja FLEGT jitqies li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' legalità, il-Premessa 81 tar-Regolament tal-UE

⁽¹⁾ COM(2003) 251.

⁽²⁾ COM (2019) 352 final.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, ĠU L 150, 9.6.2023, p. 206.

dwar id-Deforestazzjoni tistieden lill-UE biex “... *issir ħidma, fejn rilevanti u maqbul, mas-sħab attwali ta’ VPA sabiex dawn jilħqu dak l-istadju (tal-ħruġ tal-liċenzji FLEGT)*...”. Ir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni jerġa’ jiffoka sew fuq l-oġettiv tal-VPAs, jiġifieri l-iskema ta’ ħruġ tal-liċenzji FLEGT, billi jagħmilha ċara li l-ħidma mas-sħab tal-VPA tista’ tkompli jekk rilevanti⁽⁴⁾, fi kliem ieħor jekk il-VPA jkun fit-triq it-tajba biex jilħaq l-oġettivi tiegħu u jekk dawn l-oġettivi jibqgħux jirriflettu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet attwali u futuri.

Għaddew aktar minn 10 snin mid-dħul fis-seħħ tal-VPA u minkejja diversi estensjonijiet proposti tal-perjodi ta’ żmien għall-implimentazzjoni, l-istat u l-progress tal-implimentazzjoni tal-VPA tal-Liberja jindikaw li l-kisba tal-oġettiv ewlieni tal-VPA, jiġifieri l-istabbiliment ta’ skema għall-ħruġ tal-liċenzji FLEGT operazzjonali, għadha ma tistax tintlaħaq.

B’mod speċifiku, il-VPA ma jgħinx biex jintlaħqu l-oġettivi u l-viżjoni tal-Liberja fis-settur tal-foresti u mhuwiex adattat għall-iskop tiegħu li jappoġġa strateġiji, strumenti jew politiki ġodda tal-UE bħall-Global Gateway u r-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni.

Fid-dawl ta’ dan ta’ hawn fuq, it-terminazzjoni tal-VPA mar-Repubblika tal-Liberja tidher l-aktar azzjoni xierqa. Madankollu, b’rikonoxximent tal-oqsma fejn l-implimentazzjoni tal-VPA għamlet progress (pereż. il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u xi riformi legali) u tippermetti riżultati rilevanti, l-UE taqbel li tkompli u tapprofondixxi d-diskussjonijiet mar-Repubblika tal-Liberja dwar approċċi ta’ kooperazzjoni u sħubijiet possibbli li jaqblu aħjar mal-kuntest u l-isfidi attwali u li se jikkontribwixxu aħjar għall-kisba tal-oġettivi ta’ deforestazzjoni zero kif riflessi fir-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni. Il-preżentazzjoni u d-diskussjonijiet dwar is-Sħubijiet għall-Foresti matul il-Kumitat Konġunt ta’ Implimentazzjoni f’Ġunju u Diċembru 2024 jistgħu jservu bħala punt tat-tluq f’dan ir-rigward.

Skont l-Artikolu 29 tal-VPA, kull Parti tista’ ttemm il-ftehim billi tinnotifika lill-parti l-oħra bil-miktub. Il-Ftehim għandu mbagħad jieqaf japplika 12-il xahar wara d-data ta’ tali notifika.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika kkonċernat**

Mhux Applikabbli

- **Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni**

Mhux Applikabbli

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Id-Deċiżjoni tal-UE li ttemm ftehim internazzjonali trid tiġi adottata fuq l-istess bażi legali – u bl-istess proċedura – bħad-deċiżjoni li jiġi konkluż dak il-ftehim f’isem l-UE. Il-VPA ġie konkluż abbażi tal-Artikolu 207(3) u 207(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), moqri flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(7) TFUE. Il-bażi legali xierqa għal din il-proposta hija għalhekk l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, moqri flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-VPA huwa ftehim kummerċjali internazzjonali li għalhekk jaqa’ taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE u, b’mod partikolari, fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 207 TFUE. Id-

⁽⁴⁾ Il-premessa 81 tar-Regolament (UE) 2023/1115.

Deċiżjoni tal-UE li ttejjm il-VPA trid tiġi adottata fuq l-istess bażi legali. Għalhekk jirriżulta li din il-proposta ma tkopri l-ebda materja li taqa' barra mill-kompetenza esklużiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Minħabba li f'tit li xejn hemm prospett reali li l-iskema ta' ħruġ tal-liċenzji FLEGT tkun operattiva f'perjodu ta' żmien raġonevoli, it-terminazzjoni tal-VPA hija l-aktar azzjoni xierqa. Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġettiv segwit, li huwa li jikkontribwixxi aħjar għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni u li jippreserva il-kredibbiltà u l-integrità tal-VPA bħala strument kummerċjali tal-UE.

- **Għażla tal-istrument**

Id-Deċiżjoni tal-UE li ttejjm ftehim internazzjonali trid tiġi adottata fuq l-istess bażi legali u permezz tal-istess strument legali bħad-deċiżjoni li jiġi konkluż dak il-ftehim f'isem l-UE. Il-VPA ġie konkluż b'Deċiżjoni tal-Kunsill bil-kunsens tal-Parlament Ewropew. L-istrument xieraq għal din il-proposta huwa għalhekk Deċiżjoni tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux Applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Mhux Applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux Applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux Applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

It-terminazzjoni tal-VPA mar-Repubblika tal-Liberja ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**
Mhux Applikabbli

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar it-terminazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-
Repubblika tal-Liberja dwar l-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur
Forestali ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu(a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu "Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT): Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE" li għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-isforzi globali biex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat miegħu⁽¹⁾. Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tiegħu dwar il-pjan ta' azzjoni FLEGT fit-13 ta' Ottubru 2003⁽²⁾ u l-Parlament Ewropew adotta r-risoluzzjoni tiegħu dwar is-suġġett fil-11 ta' Lulju 2005⁽³⁾.
- (2) Element ċentrali tal-pjan ta' azzjoni kien il-konklużjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (il-"VPAs") ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam biex jiġi żgurat li l-injam u l-prodotti tal-injam esportati lejn l-Unjoni Ewropea jiġu prodotti u akkwistati legalment.
- (3) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/475/UE⁽⁴⁾, il-VPA bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali fi prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea ġie ffirmat fis-27 ta' Lulju 2011.
- (4) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/373/UE⁽⁵⁾, il-VPA ġie konkluż f'isem l-Unjoni Ewropea u wara l-konklużjoni tiegħu mir-Repubblika tal-Liberja daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2013.
- (5) Skont l-Artikolu 28 tal-VPA, dan għandu tul ta' żmien indefinit. L-Artikolu 29 sussegwentement jipprovdi li minkejja l-Artikolu 28, kull Parti tista' tittermina l-Ftehim billi tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub. Il-Ftehim għandu jieqaf japplika 12-il xahar wara d-data tan-notifika.

⁽¹⁾ COM/2003/0251.

⁽²⁾ ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 482.

⁽⁴⁾ ĠU L 196, 28.7.2011, p. 2–2.

⁽⁵⁾ ĠU L 191, 19.7.2012, p. 1–1.

- (6) Minkejja d-diversi estensjonijiet proposti tal-iskedi ta' żmien għall-implimentazzjoni, l-oġettiv ewlieni tal-Ftehim, jiġifieri l-istabbiliment u l-operazzjonalizzazzjoni ta' skema ta' ħruġ tal-liċenzji FLEGT bl-għan li tivverifika u tiċċertifika permezz ta' liċenzja FLEGT li l-injam u l-prodotti derivati esportati lejn l-Unjoni Ewropea huma prodotti jew akkwistati legalment, ma ntlaħaqx. Minħabba l-istat u l-progress tal-implimentazzjoni tal-VPA mid-dħul fis-seħħ tiegħu fl-1 ta' Diċembru 2013, ftit li xejn hemm prospett reali li l-iskema ta' ħruġ tal-liċenzji FLEGT tiġi stabbilita u operattiva bis-sħiħ fi żmien raġonevoli. Għalhekk, il-Kummissjoni temmen li l-VPA mhux se jippermetti li l-injam u l-prodotti tal-injam mil-Liberja jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 ⁽⁶⁾ u, mit-30 ta' Diċembru 2025, mill-Artikolu 10(3) flimkien mal-Artikolu 3, il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2023/1115⁽⁷⁾.
- (7) Għalhekk huwa xieraq li l-VPA mar-Repubblika tal-Liberja jiġi tterminat. Għal dan l-għan, f'konformità mal-Artikolu 29 tal-VPA, jenħtieġ li l-Unjoni Ewropea tinnotifika lir-Repubblika tal-Liberja bid-deċiżjoni tagħha li ttemm il-VPA bil-miktub.
- (8) Jenħtieġ li t-terminazzjoni tal-VPA tiġi approvata f'isem l-Unjoni Ewropea.
- (9) F'konformità mat-Trattati, hija l-Kummissjoni li għandha tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, biex tinnotifika, kif jgħid l-Artikolu 29 tal-VPA, id-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea li ttemm il-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-terminazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja (il-“VPA”) bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi, tmexxija u kummerċ fis-settur forestali u l-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2013 hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

[...]

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jkiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2023/1115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010, (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 206–247).